# KUNSILL LOKALI KALKARA
# KALKARA LOCAL COUNCIL

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

7 LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 12

It-Tlieta 30 ta' Ottubru2018

Il-Kunsilli Lokali Kalkara ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 1 Binja tas-Salvatur, Triq Luigi Pisani, il-Kalkara fl-4 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Speranza Chircop – Sindku
Christopher Bruno – Viċi Sindku
Paul Bongailas - Kunsillier
Maria Sultana- Kunsilliera

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Vince Bongailas - Kunsillier

**ASSENTI**

***Ma Kienx hemm***

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Elaine Caruana – Segretarju Eżekuttiv

1 / 2, BINJA TAS-SALVATUR, TRIQ LUIGI PISANI IL-KALKARA KKR 1330
Tel. No: 00356 2166 5500
Email: kalkara.lc@gov.mt
Facebook: Kalkara Local Council

**Minuti**

Is-Sindku Speranza Chircop ippresjediet il-laqgħa.

12.1 **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

***Ittra mingħand is–Sur Vince Bongailas biex jiġi skużat minħabba raġunijiet ta' xoghol***

12.2 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

12.2.1 Il-Minuti ġew riveduti mill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u kulħadd qabel li ma kien hemm l-ebda diffikultajiet jew punti oħra li kellhom jiġu mqajjma dwar is-Seduta li saret f 'Settembru 2018.

Il-Minuti ġew moqrija w approvati fuq proposta tas-Sindku s-Sinjura Speranza Chircop u sekondati mill-Vici Sindku Christopher Bruno

12.3 **Komunikazzjoni mis-Sindku : Punti mis-seduta precedent ( Seduta 11)**

A1 (Punt 11.3.A3 mis-seduta preċedenti )Is-Seg Eżek infurmat il-Kunsill rigward il-'bye law' tax-Xewkija li ġiet iffinalizzata mill-avukat skond il-kummenti / suġġerimenti li bagħtu huma stess fil-jiem preċedenti. Ser tkun qed tintbgħat final draft tal-istess 'bye law' biex tiġi approvata qabel ma tintbgħat għal proċess minn naħa tad-dipartiment.

A2 ( Punt 11.3.F mis-seduta preċedenti) Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-Kunsill illi r-residenti ta' Triq is-Sibi ġabu petizzjoni iffirmata minn kulħadd rigward il-fatt illi l-iskip li tneħħiet minn naħa tal-Kunsill trid terġa' titpoġġa fiż-żona ħabba raġunijiet ovji avolja intbgħatet ittra bi spjegazzjoni għalfejn kienet ser titneħħa fil-verita'.

Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li din l-iskip titpoġġa fl-istess żona bil-patt u l-kundizzjoni li ma titpoġġiex wara bibien / twieqi tan-nies minħabba raġunijiet ovji iktar u iktar meta s-Sindku kien diġa kellha lmenti fuq din il-kwistjoni.

Il-Kunsill iddecieda illi flimkien mal kuntrattur jinsab post alternattiv tajjeb għal kulħadd inkluż għal kuntrattur stess meta jiġi biex ibattal l-istess skip

minħabba illi l-area hija waħda ristretta. Ir-residneti ser ikun infurmati bil-post alternattiv kif jinsab flimkien ma' site plan immarkata biex l-affarijiet ikunu eżatti u ċari għal kulħadd.

A3 (Punt 11.4.B2) Mis-seduta preċedenti) Is-Seg Eżek xtaqet konferma rigward 'bye law' ġdida li issuġġeriet li issir l-kunsilliera Maria Sultana rigward il-Bajja ta' Rinella fejn isiru l-'bbqs'. Fl-istess ħin is-Sur Paul Bongailas issuġġerixxa fost kummenti oħra illi l-area ta' fejn jgħumu l-klieb għanda tiġi inkluża biex isiru 'bbqs' peress li hemmhekk huwa blat ukoll.

Id-draft ta' din il-'bye law' ser tkun qed tintbgħat fil-jiem li ġejjin biex il-kunsilliera iżidu / jissuġerixxu aktar spesifikazzjonijiet biex il-peremessi tal-'bbqs' li jsiru speċjalmet fis-Sajf ikunu ikkoverati b'liġijiet speċifiċi.

A4 ( Punt 11.4D1Mis-Seduta preċedenti ) Is-Seg Eżek infurmat il-Kunsill illi l-wara l-meeting li sar mar-residenti ġewwa l-uffiċini tal-Kunsill rigward il-problema ta' parkeġġ fi Triq Luigi Pisani u t-toroq tal-madwar. L-istess residenti preżenti talbu lill-Kunsill isir meeting ieħor mal-awtoritajiet kollha involuti biex b'hekk jerġa' jkollom ċans jagħmlu enfażi fuq din il-problema. L-istess Seg Eżek ser tkun qed tieħu ħsieb il-kordinament ta' dan il-meeting man- nies issuġġeriti mill-Kunsill u r-residenti stess.

12.3 B - Korrespondenza

B1 Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-Kunsill b'ittra li rċieva l-istess Kunsill mingħand l-avukat tas-Sur Calamatta. L-istess Sur Calamatta kien preżenti waqt din is-seduta fejn ingħata permess li jista' jitkellem u jfihem il-Kunsill dak li xtaq jgħid.

Bdiet billi tispjega s-sitwazzjoni s-Seg Eżek lill-Kunsill għal darboħra peress li din il-materja kienet diġa ġiet diskussa f'seduti preċedenti fejn l-istess Sur Calamatta kien l-ewwel talab lis-Sindku permess biex iħalli d-dgħajsa tiegħu għal Ġimgħa x-Xewkija biex ikun jista' joħodha ġo garaxx li kien sab biex jagħmillha t-tiswija 'mbgħad reġa ġie jgħidilha li issa tista' tintrema minn TM / Cleansing dan wara illi sar l-eżerċizzju ta' tindif fiż-żona tax-Xewkija. Fit-tieni rikjesta s-Sindku spjegatlu illi l-eżerċizzji ta' tindif kien wieħed konkluż u li

issa irid jarmi d-dgħajsa tiegħu għas-spejjeż tiegħu. Il-Kunsill iddeċieda f'seduta formali li jiktiblu ittra bil-miktub biex inneħħi d-dgħajsa fi żmien ġimgħatejn dan wara li ġara.

Is-Sur Calamatta bgħat ittra bl-avukat lill-Kunsill fuq dan ir-rigward. Qabel din is-seduta s-Sur Calamatta ġie ikellem lis-Sindku fejn uriha li hu urtat fuq l-ittra li bagħtlu l-Kunsill stess u qallha wkoll li l-ittra tal-avukat tiegħu tista' tqattaha għaliex ma kinitx waħda irreġistrata. L-istess Sindku qaltlu li hi ma tistax tagħmel dan u li ser tiddiskuti din is-sitwazzjoni f'din is-seduta.

Fil-pront is-Sur Calamatta giddeb lis-Sindku kif ukoll lis-Seg Eżek fuq dak miktub hawn fuq. Is-Seg Eżek kompliet tisħaq illi hu ma kienx onest u li s-supretendent tad-distrett ukoll kien jaf b'din l-istorja peress li kien involut dirett fl-eżerċizzji ta' tindif. Is-Sur Calamatta kompla jisħaq illi hu fl-ebda mod ma qal illi d-dgħajsa tiegħu kienet għar-rimi. Is-Sindku baqgħat tisħaq illi hu ġie l-uffiċċju u dak kollu li spjegat is-Seg Eżek kien wieħed eżatti.

Is-Sur Calamatta saħaq illi għandu bżonn l-għajnuna tal-Kunsill biex jitħalla iħalli d-dgħajsa tiegħu fix-Xewkija sakemm jirranġa minħabba raġunijiet varji fosthom problemi finanzjarji , familjari eċċetera. Huwa talab lill-Kunsill u ħalef illi sas-Sajf 2019 id-dgħajsa tkun varata mal-oħrajn fil-baħar.

Is-Seg Eżek talbet lis-Sur Calamatta iħalli d-deċiżjoni f'idejn il-Kunsill u ser tkun qed tibgħatlu ittra bid-deċiżjoni finali. Is-Sur Calamatta telaq mis-seduta.

Is-Sinjura Sultana saħħqet illi apparti l-arroganza ta' dan l-individwu l-Kunsill għandu jimxi ma' kulħadd l-istess u mhux jagħmel preferenzi ma xi wħud.

Is-Seg Eżek talbet il-Kunsill jieħu deċizjoni finali jekk uxx ħa jtuh ċans ivara d-dgħajsa sas-Sajf li ġej u joħduh bħala każ umanitarju jew inkella jneħħi d-dgħajsa bħal ma għamel ħaddieħor.

Is-Sinjura Sultana astjeniet filwaqt li l-oħrajn qablu li jtuh ċans sas-Sajf li ġej biex ivara d-dgħajsa.

Fuq nota ohra s-Sur Bongailas kif ukoll is-Sur Bruno għamlu enfażi illi huma bl-ebda mod ma qablu mal-fatt illi giddeb is-Seg Eżek kif ukoll lis-Sindku fuq din il-kwistjoni. Huma saħqu illi kollox għandu jiġi imminitjat u li peress li x - Xewkija qiegħeda fi proċess biex tinħareg 'bye law' fuqha wieħed ikun irid jara kif ser jipproċedi ma' dan l-individwu bħal oħrajn li jżommu d-dgħajsa fl-area meta tinħareg għal pubbliku.

B2 Il-kunsill qabel unanimament illi s-suġġeriment li jsiru 'culverts' ġo Triq is-

Sienja l-parti d-dejqa qed jigi innutat imma miżmum fil-preżent. Il-Kunsill żied jgħid illi l-ammont ta' Xita qalilha li għamlet fil-jiem li għaddew għerqu mhux din il-parti biss tal-Kalkara imma inħawi oħra. F'każijiet bħal dawn impossibli tagħmel 'culverts' kullimkien.

B3 Il-Kunsill irringrazzja formalment lis-Sur Ray Abela għal fatt illi l-kumpanija tiegħu TCTC ser tkun qed tbiddel il-kompjuters kollha tal-IT centre tal-Kunsill għas-spejjeż tiegħu biex sa qabel ma jibdew il-korsijiet in-nies ikunu qiegħedin jaħdmu b'kompjuters ġodda u innovattivi.

B4 Il-Kunsill qabel unanimament illi bħas-sena li għaddiet il-Kunsill ser ikun qed jagħti l-għajnuna tiegħu lill-kappillan fil-pubblikazzjoni ta' kalendarju li ser ikun qed jitqassam f'kull residenza bil-patt u l-kundizzoni li jiġu immarkati dati imporanti fuq l-istess pubblikazzjoni bħal-Jum il-Kalkara kif ukoll 24 ta' Marzu li hija data kommemorattiva tal-Gwerra fil-lokal.

Fl-istess ħin il-kunsilliera qablu illi l-Kunsill dejjem ta l-għajnuna tiegħu lill-parroċċa u tajjeb li l-kappillan jgħin lilna f'dak li jista' bħal ngħidu aħna l -kirja tas-Sala mingħajr interessi jew forsi xi imwejjed u siġġijiet bla ħlas għal waqt xi attivita' tal-lokal bħal ma diġa qiegħed isir. Il-Kunsill talab lis-Seg li tagħmel dawn il-punti ċari mal-istess kappillan.

B5. Il-kunsill qabel unanimament mat-talba tal-crew li jagħmlu l-programm bl-isem 'bongu bus ' biex tinġieb il-Kalkara u l-programm isir minn ġol-loka'ita'. Is-Seg Eżek ser tkun qed tieħu ħsieb il-loġistika rigward dan il-punt mal-amministrazzjoni ta' dan l-istess programm.

B6 Is-Seg Ezek ippreżentat ittra tas-Sur Franky Chircop mitluba lill-Kunsill rigward l-abbozz li huwa kien għamel aktar minn sitt xhur ilu fir-rigward Jum il-Kalkara u trofew ġdid li ser ikun qed jingħata min ikun ħa t-titlu ta' Unur il-Kalkara. Din l-ittra ġiet preżentata lic-chairman tal-kumitat is-Sur Pawlu Bongailas .

Is-Sur Bongailas saħaq illi ma kienx hemm tweġiba fuq l-abbozz minħabba l-fatt illi l-kumitat kien għadu ma ltaqax biex jiddiskuti din il-materja fil-verita' u ser ikun qed jiltaqa' aktar tard dan ix-xahar fuq affarijiet varji fosthom fuq dan l-abbozz. Fuq nota ohra s-Sur Bongailas żied jgħid illi hu wasal għal widnejh illi is-sottomissjoni tad-disinni tal-abozz tas-Sur Chircop kienu waslu tard u apparti minn hekk huwa ikkonferma li l-istess disinni ġew diskussi minnu u minn persuna valida fejn dan tal-aħħar ikkonferma illi mhux appropjat għal xix il-Kunsill talab. Is-Sinjura Speranza Chircop saħqet illi mhux vera kien issottometta d-disinni tard dan minħabba lfatt illi s-Sur Chircop huwa r-raġel tagħha. Is-Sur Bongailas kompla jisħaq illi l-kwistjoni ma

kinitx tas-sottomissjoni tard imma tal-fatt illi mhux validu iktar.

C Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar 'facebook post' mingħand ġurnalist Kalkariż rigward il-mina tal-Kalkara fejn kien hemm ammont sostanzjali ta' kummenti ta' residenti fuq din il-kwistjoni.

Hija qalet ukoll illi din il-kwistjoni ilha għadejja snin fejn wasal iż-żmien li ssir riċerka kif suppost ħalli l-affarijiet ikunu ċari fir rigward il-konfini tal-Kalkara u tal-Birgu .

Is-Sindku baqgħet tgħid illi avolja ġie miktub li hawn dokumenti ċari li juru l-konfini biċ-ċar fl-uffiċini tal-Kunsill Lokali hija ma sabet xejn u tajjeb li wieħed jibda mill-bidu biex b'hekk l-affarijiet ikunu ċari u tondi u ma jkunx hemm trufijiet li ġejjin minn snin tal-passat.

Il-Kunsill qabel unanimament illi s-Seg Eżek għandha tfittex tagħmel komunikazzjoni man-nutar / avukat biex tinbeda r-riċerka u tissetilja ruħha din il-kwistjoni darba għal dejjem jekk hu possibli.

D Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-Kunsill rigward ilment mingħand resident li għamel magħha personali wara li l-Kunsilll stess kien weħħel 'railing' fuq suġġeriment ta' residenti oħra fl-inħawi ta' Trejqet Franġisku Chircop. Dan ir-resident saħaq illi l-karozzi mhux qed ikunu jistgħu idawru fl-akwata minħabba li l-ewwel biċċa tar-'railing' twaħħal eżatt fil-bidu tal-bankina u l-area hija waħda ristretta mhux ħażin.

Il-Kunsill qabel unanimament illi għandha titneħħa biċċa mir-'railing' biex jakkomodaw lil din il-peruna li qed tagħmel l-ilment / suġġeriment tagħha.

E Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar laqgħat li saru aktar kmieni dax-xahar mal-Ministru tal-edukazzjoni kif ukoll mal-Ministru tas-saħħa rigward is-sitwazzjoni tal-berġa / librerija tal-lokal li ilha tiġi diskussa għal dawn l-aħħar xhur mal-Kunsill kollu.

Is-Sinjura Sultana kienet urtata għal fatt illi laqgħa minnhom saret ġewwa l-kwartieri tal-labour fejn fil-fehma tagħha ma kienet ta' etika xejn li laqgħa issir fi ħdan Partit politiku meta minħabba f'hekk hija ma ħassitx li għandha tattendi. Dan kien ta' insult għaliha. Is-Sinjura Chircop skużat ruħha rigward dan il-fatt u żiedet tgħid illi l-laqgħa ġiet issuġġerita mill-Ministru stess u mhux minn naħa tagħha u fl-istess ħin lanqas biss ġieta f'moħħha illi s-Sinjura Sultana kienet ser tħossha offiża.

Is-Sur Bruno żied jgħid illi l-każ kien urġenti u forsi b'hekk ġara li ġara bl-ebda

mod ma ġara hekk bħala disprezz lejn il-Partit Nazzjonalista.

Is-Sindku kompliet tgħid illi minn naħa tagħha hija qed tkompli tagħmel follow up fuq dak li tennew maż-żewg ministri biex is-sitwazzjoni tal-berġa / librerija tiġi indirizzata bl-aħjar mod possibli fl-inqas żmien.

F Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar serata għal anzjani li ser issir fit-tnax ta' Diċembru 2018 għal okkażżjoni ta' Jum il-Kalkara bħas-snin preċedenti kif ukoll ser ikun hemm żjarat lill-anzjani li ma joħorġux mir-residenza tagħhom ħabba raġunijiet ta' mard.

G. Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar ħarġa kulturali li ser tkun qed torganizza għal Novembru / Diċembru 2018.

## 12.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

A Il-Viċi Sindku- Christopher Bruno

A1 Is-Sur Bruno saħaq illi hemm bżonn li r-residenti li joqgħodu fl-inħawi ta' Triq Luigi Pisani li kienu involuti fid-diskussjonijiet tal-problema tal-parking fil-preżent għandom ikunu involuti dejjem fl-ongoing procedures li qed isiru minn naħa tal-Kunsill għal informazzjoni tagħhom.

A2 Is-Sur Bruno staqsa lis-Seg Eżek jekk hemmx xi żviluppi fuq il-periklu ġo Triq Marina fejn kien qed jaqa ċ-ċint. Is-Seg Eżek spjegat tgħid illi hija għamlet ir-rapport lill-awtoritajiet u diġa kien hemm xi komunikazzjonijiet interni biex isir rapport minn engineer fuq dan il-periklu. Ser tkun qed tibgħat email ta' tfakkira lil kulħadd biex titranġa ruħha s-sitwazzjoni fl-inqas żmien possibli.

A3 Is-Sur Bruno talab lill-Kunsill biex fil-jiem li ġejjin isir eżerċizzju mill-ħaddiema tal-Kunsill biex isir tfittxija ta' min huma l-għelieqi li għandna fil-lokal biex imbgħad il-Kunsill jikteb lill-owners biex jgħollu ċ-ċint fejn hemm bżonn minħabba l-fatt illi qed jintrema skart goff ġo għelieqi fil-lokal stess li qed ikerraħ ambjent. Is-Seg Eżek qalet illi bħala eżerċizzju huwa wieħed 'far fetched' u mhux daqsekk easy li tagħmilha minħabba l-fatt illi ħabba 'data protection' ħadd m'hu ser itik dettalji tas-sidien tal-għelieqi imsemmijin. Fuq

punt ieħor żiedet tgħid illi jekk xi kunsillier ikollu xi dettalji jistaw jadduwhom lilha u tagħmel rapport il-puluzija biex huma jagħmlu enfurzar mas-sid stess biex inaddaf u jtella' ċint kif dejjem għamlu sal-preżent. Is-Sur Bruno saħaq illi ser ikun qed idur huwa l-lokal u jara x'informazzjoni jista' jiġbor rigward dan il-każ u jgħaddi kollox lis-Seg Eżek.

12.4.B Il-Kunsilliera- Maria Sultana

B1 Is-Sinjura Sultana tgħat informazzjoni fuq l-attivita' tat-tfal f'okkażżjoni ta' Jum il-Kalkara 2018. Quddiesa għat-tfal fl-10 ta' Diċembru wara t-tfal itellaw il-bandiera x-Xatt imbgħad ser isir tournament ta' sports il-grawnd tal-futbol tal-Kalkara fejn il-kunsilliera Maria Sultana kienet qed taħdem fuqha mal-amministrazzjoni tal-grawnd stess f'isem il-Kunsill Lokali Kalkara.

Fl-istess ħin is-Sinjura Maria Sultana talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill biex tinġieb it-train li ddur fil-lokal normalment biex it-tfal iwassalom mill-grawnd sal-iskola kif ukoll fliexken tal-ilma għal waqt l-attivita'.

Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni fuq dak li intqal fil-punt imsemmi hawn fuq kif ukoll it-talbiet li l-istess kunsilliera għamlet.

B2 Is-Sinjura Sultana enfazizzat illi fil-fehma tagħha fil-Kalkara hawn diżastru fuq dak li jirrigwarda l-indafa. Hija semmiet eżempji ċari bħal skips imkissrin, mal-ġbir tal-iskips l-affarijiet li jaqgħu jitħallew fil-post mill-ħaddiema tal-kuntrattur tal-Kunsill stess, boroż tal-iskart ma jinġabrux. It-trakk li jiġbor l-iskart qed jidhol fejn l-iskola fil-ħinijiet li mhux suppost jgħaddi u ħafna oħrajn.

Fuq nota oħra s-Sinjura Sultana qajmet punt fuq x'ser ikun qed jintrema fl-iskips li hawn fil-lokal. Il-Kunsill qabel illi l-iskips għandhom jintużaw biss għal boroż is-suwed kif suppost kienu qiegħedin jiġu użati fil-Passat. Stickers ser ikunu qed jitwaħħlu fuq kull skip biex jindikaw dak li ġie miftihem mill-kunsilliera stess fuq dan ir-rigward.

Is-Sinjura Sultana kompliet tgħid illi l-wardens għandom jinfurzaw iktar lin-nies tal-lokal fuq il-ħmieġ tal-klieb li qed jitħalla minn nies wara li joħorgu dawra bil-kelb tagħhom kif ukoll tajjeb li l-Kunsill jieħu ħsieb iġib 'bowsers' minn żmien għal l-ieħor biex jinħaslu t-toroq. Is-Sur Viċi Sindku saħaq illi hemm bżonn ta' 'doggy bin' ġo Triq is-Sienja qabel tinżel it-taraġ li jagħti għal Triq San Mikiel u ieħor fil-viċinanzi lejn l-iskola. Patri Mattew Sultana ukoll isemmiet fuq il-kwantita' ta' ħmieġ tal-klieb li jkun hemm mal-art biex jitwaħħal bin ieħor rigward din il-kwistjoni..

B3 Is-Sinjura Sultana infurmat il-Kunsill illi l-iskola Primarja tgħat donazzjoni ta' kotba lil-librerija li jamministra l-Kunsill aktar kmieni dan ix-xahar għal benefiċċju tar-residenti. Il-Kunsill irringrazzja formalment lill-iskola primarja għal dan il-ġest nobbli.

B4 Is-Sinjura Sultana infurmat il-Kunsill rigward mixja li ser tkun qed torganizza għat-tfal tal-iskola f'isem il-Kunsill aktar tard f'Novembru 2018 fejn mill-iskola flimkien mal-ġenituri t-tfal ser ikun qed jagħmlu mixja ta' solidarjeta' u għal karita sa Smart City. Is-Sinjura Sultana talbet l-għajnuna tas-Seg Eżek fir-rigward l-ordni ta' puluzija kif ukoll biex tinxtgħel il-funtana ta' Smart City biex kif jaslu t-tfal ikollom naqra entertainemnet għal waqt il-'lunch break' tagħhom li ser ikunu qiegħedin jieħdu hemmhekk stess qabel ma jirritornaw lura lejn l-iskola.

B5 Is-Sinjura Sultana infurmat il-Kunsill illi ser tkun qed tieħu ħsieb il-bookings għal blood donation fl-okkażżjoni ta' Jum il-Kalkara 2018 fejn skond l-ammont ta' nies ser ikun ordnat transport pubbliku b'xejn għal dawk interresati fejn flimkien magħha ser ikunu qiegħedin imorru Gwardamangia biex jagħtu d-demm bħala solidarjeta' dan wara illi hija pruvat torganizza blood donation unit fil-Kalkara stess pero sal-aħħar tas-sena il-ministeru tas-saħħa huma fully booked.

Is-Sinjura Sultana flimkien mas-Seg Eżek ser tkun qed tipprepara leaflet biex jitella' fuq il-fb page tal-Kunsill kif ukoll tinforma lill-Kappillan u l-gwardjan biex iħabbru din l-attivita' waqt il-quddiesa biex il-Kunsill jiġbor ammont ta' nies sostanzjali għal dan il-ġest nobbli. Id-data ser tkun id-9 ta' Diċembru 2018 u tluq tat-transport huwa għal ħin ta' 10:30 mix-Xatt tal-Kalkara.

12.4C Il-Kunsillier- Paul Bongailas

C1 Is-Sur Pawlu Bongailas ta spjegazzjoni ħafifa ta' s'issa x'kien ikkoordina għal Jum il-Kalkara bħal:

- Booking tal-camera person
- Presenter għadu qed jiddiskuti ma' nies kompetenti
- Ser ikun qed jiltaqa' mas-Sotto Kumitat rigward Ġieħ u Unur
- Quddies biex tiġi ibbukjata mis-Seg Eżek fid-9 ta' Diċembru għal ħabta tal-5:30 pm
- Il-kunċert jibda għas sebgħa ta' filgħaxija

Is-Sur Bongailas saħaq ukoll illi għal din is-sena ser ikun qed jissuġerixxi xi ismijiet ta' nies li ħaqqom rikonoxximent għal ġid li għamlu fil-lokalita' tal-

Kalkara

- Josette Ciantar
- Għaqdiet mużikali
- Tfal li ħadu sehem fil-Junior Eurovision kif ukoll fil-modelling contests.

Il- Kunsill ma sab ebda oġġezzjoni rigward dawn in-nies imsemmijin. Is-Sinjura Sultana astjeniet biss għat-tifel li ħa sehem fil-Junior Eurovision minħabba kunflitt ta' interess għax jiġi n-neputi tagħha.

C2 Is-Sur Bongailas talab il-koperazzjoni tal-Kunsill kollhu biex jintbgħatu l-kitbiet u ritratti li forsi għandom biex jiġu ppublikati fil-fuljett li hu stess qed jikkordina biex jitqassam għal ħabta ta' Diċembru bħas-snin preċedenti

C3 Is-Sur Bongailas ried jikkonferma min inaddaf id-'doggy bins' li hawn imweħħlin fil-lokal. Is-Seg Eżek qalet illi kull meta jidħol rapport il-Kunsill hija iċċempel il-kuntrattur tal-Kunsill jew imorru l-ħaddiema ta' manutenzjoni tal-Kunsill inaddfuh u jbattluh.

C4 Is-Sur Bongailas saħaq illi wara li l-Kunsill issieħeb u ta l-kelma tiegħu li hu kontra l-bżieżaq li jintużaw fl-attivitajiet fil-lokal bħal ma' għamlu kunsilli oħra aktar kmieni dan ix-xahar wara l-propaganda li saret mill-gvern ċentrali tajjeb illi tiġi skedata laqgħa mal-każini tal-baned biex ninfurmawhom b'dan il- ftehim speċjalment meta jiġi ż-żmien tal-festa. Is-Seg Eżek żiedet tgħid illi la darba tiġi skedata l-laqgħa tajjeb li l-kunsilliera isemmu punti oħra li fil-fehma tagħha m'humiex f'posthom waqt il-ġranet tal-festa speċjalment permessi ta' bars fil-viċinanzi ta' postijiet pubbliċi.

C5 Is-Sur Bongailas għamel punt rigward il-mixja tal-Pink October fejn din is-sena bdiet propju mill-Kalkara u bħala Kunsill ma ħax interess li jixgħel imkien roża. Is-Sinjura Sindku spjegat illi hi kienet ila aktar minn xahar tkellem nies kompetenti biex iġġib l-approvazzjoni biex jintelu' postijiet li fil-fehma tagħha kienu prominenti imma b'dispjaċir kbir meta ġiet l-approvazzjoni l-kuntrattur tad-dawl infurmat illi issa kien tard wisq u li ma kienx fadalu materjal roża biex jaqdiha.

Il-Kunsill qabel illi tajjeb li għal darboħra wieħed jaħseb minn ħafna qabel biex ikun minn tal-ewwel li jordna l-affarijiet neċessarji biex għal din l-attivita' l-Kunsill ikun preparat.

Is-Sur Bruno issuġġerixxa ukoll li tinġieb kwotazzjoni għal bozzoz roża permanenti li jistaw jinżammu l-Kunsill u jintużaw minn sena għal l-oħra.

C6 Is-Sur Bongailas issuġerixxa u l-Kunsill qabel unaniment rigward il-fatt illi mal-ħruġ tat-tender il-ġdid tal-bulky refuse tajjeb li jiżdiedu l-ġranet tal-ġbir minħabba l-fatt illi r-residenti qiegħedin jingħataw appuntamenti l-bogħod ħafna għax qed ikun mimli.

C7 Is-Sur Bongailas preżenta print out ta' kummenti fuq fb li inkitbu mir-residenti tal-Kalkara dan wara li s-Sur Stephen Camilleri staqsa fuq fb in-nies xi jridu jaraw differenti. Huwa saħaq illi tajjeb li l-Kunsill jieħu nota ta' dawn il-kummenti biex b'hekk inżommu record x'liktar iridu n-nies tal-lokal.

Dawn il-kummenti ser ikunu qed jintbgħatu l-kunsilliera fil-jiem li ġejjin għar-referenza tagħhom.

## 12.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

12.5.1 Il-pagamenti kollha innutati fuq l-iskeda ta' pagamenti 10.18 ippreżentata mis-Seg.Eżek. ġew approvati unanimament mill-Kunsilliera waqt din is-Seduta.

## 12.6 Mozzjonijiet

Ma kienx hemm

## 12.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

12.7.1 Il-laqgħa ġiet aġġornata unanimament mill-Kunsilliera għal nhar it-Tlieta 27 ta' Novmbru 2018 fil 4:00 p.m. u spiċċat fis 6:30 Ta' filgħaxija.

Konfermati, illum it-Tlieta 27 ta' Novembru 2018

| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
|---|---|
| Speranza Chircop<br>Sindku | Elaine Caruana<br>Segretarju Eżekuttiv |